MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 185/2010

**Construct Furniture Co Ltd**

**Vs**

**Christals Services Ltd**

F'din il-kawza l-attrici kienet qeghda titlob dikjarazzjoni li x-xogholijiet li saru mill-konvenuta f'Lulju 2008 gewwa l-fabbrika 40, Industrial Estate, Luqa ma kienux skond is-sengha u l-arti u saru bi ksur tal-obbligi kuntrattwali li assumiet il-konvenuta. Ghalhekk talbet li l-istess konvenuta tigi kundannata taghmel ix-xoghol rimedjali u fin-nuqqas l-attrici taghmlu ghas-spejjez tal-konvenuta. Talbet ukoll li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghad-

danni fil-proprjeta tal-attrici, hsara fil-prodotti li timmanifattura u telf ta' qliegh u klijentela, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenuta thallas id-danni. L-attrici ppremettiet li x-xoghol kien jikkonsisti fi tqeghid ta' *thermal insulation spray* u *waterproofing* fuq is-saqaf tal-fabbrika, u li wara li kien sar ix-xoghol, fix-xitwa tal-2008 kien dahal l-ilma tax-xita mis-saqaf. L-attrici qalet li l-ilma kien qieghed inixxi mis-soqfa *"minhabba illi l-waterproofing u l-materjal uzat mill-intimati ma giex imwahhal tajjeb u/jew ma giex imqieghed skond l-arti u s-sengha."*.

Min-naha tal-konvenuta wiegbet, permezz ta' twegiba guramentata prezentata it-3 ta' Gunju 2010(fol. 24), li:-

1. Tikkontesta l-allegazzjoni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti jew li hemm xi vjolazzjoni kuntrattwali.
2. Il-garanzija kienet tirreferi ghal thermal insualtion spray u waterproofing izda mhux it-top coat.
3. Il-konvenuta ma kkagunat l-ebda hsara.
4. Il-konvenuta qatt ma accettat responsabbilta ghalkemm accettat li taghti top coat gdid ghaliex l-attrici kienet qeghda tilmenta li kien iddeterjora.
5. Sal-lum it-top coat ghadu ma nghatax minhabba t-temp.

Il-qorti kienet inkarigat lill-perit Godwin Abela bhala perit tekniku (ara digriet moghti fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010).

Fil-mori tal-proceduri sar ix-xoghol rimedjali. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-meritu tal-kawza hu ezawrit u li l-uniku pendenza hi l-ispejjez gudizzjarji.
Skond invoice mahrug mill-konvenuta u datat 4 ta' Awwissu 2008 (fol. 6), ix-xoghol li ghamlet kien tqeghid ta' insulation u waterproofing u topcoat. Il-prezz kien ta' €7,226.29. F'dan id-dokument jinghad: ***"10 years guarantee on insulation & water proofing subject to have the top coat in a good state of repair."***. M'hemmx dubju li l-garanzija ma kenitx tkopri t-top coat. Jidher ukoll li m'huwiex kontestat li l-problema kienet it-top coat, liema materjal ipprovdietu l-konvenuta u x-xoghol ghamluh

impjegati taghha. Tax-xoghol relatat mat-top coat, il-konvenuta talbet u thallset is-somma ta' €2,082.59 (fol. 6).

F'dan il-kaz jidher li l-konvenuta tat kemm is-sengha u pprovdiet il-materjal relatat max-xoghol kollu li sar.

Mill-atti m'hemmx prova li dan it-*top coat*, li sar bhala protezzjoni kontra l-elementi u r-raggi UV:-

i. tpogga mhux skond is-sengha u l-arti jew intuza materjal mhux addatat ghax-xoghol li kellu jsir; jew
ii. il-materjal li ntuza kien difettuz.

M'hemmx dubju li wahda mir-ragunijiet fuq imsemmija tat lok biex jinqala' t-top coat ftit zmien wara li tlesta x-xoghol. Ma jistax ikun li l-ilma dahal ghaliex it-top coat iddeterjora biz-zmien, in kwantu mill-provi rrizulta li x-xoghol sar f'Lulju 2008 u l-ilma tax-xita beda jidhol fil-fabbrika f'Settembru 2008. Certament li r-risposta setghet tinghata biss permezz ta' prova teknika, prova li m'hemmx fl-atti[1].

Il-qorti hi tal-fehma li rrispettivament jekk ir-raguni ghalfejn inqala' t-top coat wara daqstant zmien qasir, kenitx ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti jew ghaliex il-materjal kien ta' kwalita inferjuri, il-konvenuta hi xorta responsabbli. Il-kwistjoni dwar l-ghaxar (10) snin garanzija, m'hijiex rilevanti. Min jinghata appalt u jipprovdi wkoll il-materjal, ghandu obbligu li jwettaq xoghol sew u jforni materjal ta' kwalita tajba. Fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun li l-appaltant ifarfar mir-responsabbilta billi jargumenta li m'ghandux x'jaqsam mal-kwalita tal-materjal li jkun intuza, meta tqies li kienu hu li ghazlu u pprovdieh. M'huwiex bizzejjed li l-konvenuta tghid li fir-rigward tat-top coat ma tatx garanzija. Il-materjal li ntuza pprovdietu hi u thallset tieghu, u hi ghandha tassumi r-riskju.

Fil-kaz odjern l-azzjoni tal-attrici hi bazata fuq il-kawzali li x-xogholijiet li ghamlet l-attrici ma:- *"....gewx esegwiti skond l-art u s-sengha u fil-fatt it-thermal insulation spray*

[1] Fil-fatt il-perit tekniku ddikjara:- *"L-esponent ma dahalx fil-mertu tekniku tal-kwistjoni peress illi dan il-mertu gie ezawrit fil-mori tal-kawza."*.

*u l-waterproofing ma kienux kapaci jilqghu ghall-ilma tax-xita tant illi hekk kif bdiet ix-xitwa tal-elfejn u tmienja (2008) beda diehel hafna ilma tax-xita fil-fabbrika tas-socjeta rikorrenti li kien qieghed inixxi mis-soqfa minhabba illi l-waterproofing u l-materjal uzat mill-intimat ma giex imwahhal tajjeb u/jew ma giex imqieghed skond l-arti u s-sengha."* (paragrafu numru 4 tar-rikors guramentat). Ghalkemm m'hemmx prova teknika, mill-atti hu car li l-problema kienet it-*top coat* u mhux it-thermal insulation spray u l-waterproofing. Ghalhekk strettament dak li qeghda tallega l-attrici ma giex pruvat. Anzi rrizulta li l-problema ma kenitx it-*thermal insulation* u l-*waterproofing*, izda t-top coat tant li wara li sar top coat ma regax kien hemm problema ta' dhul ta' ilma. Madankollu l-qorti tqies li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez rispettivi taghha, mehud in konsiderazzjoni li:-

i. Il-qorti tqies li jkun ekwu li l-konvenuta taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji taghha meqjus dak li nghad hawn fuq dwar it-*top coat* u r-responsabbilta tal-attrici fit-twettiq tad-dmirijiet taghha;

ii. Id-decizjoni li l-konvenuta tirrimedja ghall-ilment tal-klijent, kieku ttiehdet qabel, kienet tevita li fil-25 ta' Frar 2010 tigi pprezentata kawza. Madankollu l-qorti tikkummenta wkoll li l-konvenuta wriet serjeta meta eventwalment accettat li tiehu hsieb li, ghas-spejjez taghha, taghmel ix-xoghol rimedjali ghas-sodisfazzjon tal-klijent u dan minkejja li qatt ma accettat responsabblita. Dan hu l-agir korrett.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-meritu hu llum ezawrit ghaliex sar ix-xoghol ghas-sodisfazzjoni tal-attrici u ghalhekk tasjteni milli taghti decizjoni fuq it-talbiet numru wiehed (1) sa sitta (6) tar-rikors guramentat.**

**2. Tiddikjara li l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet b'dan li l-ispejjez tal-**

**perit tekniku ghandhom jinqasmu f’sehem ugwali bejniethom**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------